fi compass FEMS

*avvanz bl-istrumenti finanzjarji tal-FSIE*



# Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

## Strumenti finanzjarji

Il-Kummissjoni Ewropea

Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

**Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd huma modi sostenibbli u effiċjenti għall-investiment fit-tkabbir u fl-iżvilupp tal-persuni, negozji u riżorsi fis-setturi tas-sajd u tal-akwakultura kif ukoll għall-appoġġ tal-Politika Marittima Integrata. Dawn jistgħu jappoġġjaw firxa wiesgħa ta' objettivi ta' żvilupp għall-benefiċċju ta' għażla vasta ta' riċevituri bil-potenzjal li l-fondi jerġgħu jiġu wżati għall-investimenti ulterjuri.**

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), li huwa wieħed mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Politka Komuni tas-Sajd (PKS) u l-Politka Marittima integrata tal-UE.

Il-FEMS għandu baġit ta' aktar minn €6 biljun għall-perjodu bejn l-2014-2020. Dan l-appoġġ huwa provdut għas-sajd (inkluż ġbir u kontroll ta' dejta), għall-akwakultura u għall-ipproċessar, kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli tas-setturi tas-sajd u tal-akwakultura u għall-Politka Marittima Integrata.

L-appoġġ tal-FEMS jista' jiġi provdut permezz ta' għotjiet u, dejjem aktar jiżdied, permezz ta' strumenti finanzjarji.

Bejn l-2007-13, ħlief f'xi ftit SM (inkluż il-Latvija u l-Olanda), l-istrumenti finanzjarji ma kienux qed jintużaw b'mod diffuż taħt dak li kien il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

**Strumenti finanzjarji**

- huma mistennija li jiġu mħallsa lura;
- huma rotanti i.e. il-fondi mħallsa lura jerġgħu jintużaw għal darboħra fl-istess żona;
- huma addattati għall-proġetti finanzjarjament vijabbli, i.e. dawk li huma mistennija li jiġġeneraw biżżejjed qligħ jew tfaddil sabiex jitħallas lura l-appoġġ li ġie mirċievi;
- huma mfassla biex jattrattaw ko-investiment minn sorsi oħra, li jinkludu investiment privat, biex jiżdied l-ammont ta' fondi disponibbli f'setturi/oqsma partikolari fejn hemm problemi fl-aċċess għall-finanzi;
- jistgħu jieħdu l-forma ta' self, garanziji jew ekwitajiet;
- jistgħu wkoll jappoġġjaw żvilupp tat-tip 'Supply side', billi jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq;
- jistgħu jiġu wżati b'mod komplimentari mal-għotjiet; u
- jistgħu jkunu amministrati minn banek nazzjonali jew reġjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali bħal m'huwa l-Bank Ewropew għall-Investiment jew l-Fond Ewropew għall-Investiment, minn intermedjarji finanzjarji, u (għas-self u garanziji biss) minn awtoritajiet maniġerjali.

Bejn l-2014-2020, bir-rikonoxximent tal-vantaġġi tal-istrumenti finanzjarji, l-użu tagħhom ser jiġi estiż **għall-objettivi tematiċi kollha** u huwa mistenni li jintensifika aktar minħabba titjib u aktar flessibilta' fl- għażliet għall-implimentazzjoni.

Strumenti finanzjarji jisgħu jiġu ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u tas-Sajd sabiex **jappoġġjaw il-prijoritajiet tal-investiment kif deskritti fil-programmi opearzzjonali tal-FEAS** mill-Istati Membri. L-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-FEAS jistgħu potenzjalment jappoġġjaw l-maġġorparti ta' miżuri koperti mill-FEAS, provdut li dawn jindirizzaw **vojt identifikat fis-suq**, i.e. oqsma t'attività fejn il-banek mhumiex lesti li jsellfu u/jew fejn is-settur privat m'huwiex lest li jinvesti.

L-istrumenti finanzjarji jistgħu b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-FEAS li ġejjin:

- promozzjoni ta' sajd u akwakultura kompetittivi, ambjentalment sostenibbli, ekonomikament vijabbli u soċjalment responsabbli;
- titrawwam l-implimentazzjoni tal-PKS;
- promozzjoni ta' żvilupp territorjali taż-żoni tas-sajd u akwakultura bilanċjati u inklussivi;
- jitrawwam l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politka Marittima Integrata (PMI) tal-Unjoni b'tali mod li tkun kumplimentari mal-politka ta' koeżjoni u mal-PKS.

Strumenti finanzjarji taħt l-FAEŻR huma **disponibbli għar-riċevituri potenzjali kollha fis-setturi tas-sajd u l-akwakultura li qed iwettqu proġetti li jiġġeneraw dħul**. Fis-settur tal-ipproċessar, appoġġ lill-intrapriżi li mhumiex SMEs jista' jiġi provdut biss permezz ta' strumenti finanzjarji. Minħabba d-daqs relattivament żgħir tal-FEMS, possibilità addizzjonali hija dik li jiġu esplorati sinerġiji mal- SF li diġà ġew mwaqqfa permezz tal-FEŻR, tal-FSE jew tal-FAEŻR, jew li ser jiġi stabbilit fil-perjodu ta' bejn l-2014-2020.

**Firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji appoġġjati mill-FEMS** jistgħu potenzjalment jiġu implimentati:

- **Self**, li jista' jkun disponibbli fejn ma jkun hemm ebda self ieħor offrut kummerċjalment (eż. mill-banek), jew jista' jkun b'termini ferm aħjar minn dawk kummerċjali (eż. b'rati ta' interess aktar baxxi, perjodi ta' ħlas lura itwal, jew b'anqas kollateral meħtieġ). Għaldaqstant, is-self jista' jkun disponibbli sabiex jgħin lis-sajjieda u lill-familji tagħhom jiddiversifikaw is-sorsi ta' qligħ tagħhom billi jiġu żviluppati attivitajiet bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba jew negozji relatati mal-ikel bħal ma' huma r-ristoranti, relatati mal-attività primarja tas-sajd, appoġġ tal-bidu għall-sajjieda li għadhom żgħar għall-akkwist tal-ewwel bastiment tagħhom, jew investimenti abbord immirati għaż-żieda tal-effiċjenza tal-bastimenti tas-sajd.

- **Mikrokrediti**, li huma bħas-self iżda f'forma ferm iżgħar li jsiru lill-persuni li xi kultant jiġu esklużi mill-aċċess finanzjarju, ħafna drabi provduti għal perjodu qasir ta' żmien u mingħajr jew bi ftit kollateral meħtieġ, eż. self għas-sajjieda sabiex jakkwistaw xi makkinarju tas-sajd selettiv, biex itejbu l-valur miżjud jew il-kwalità tal-ħut maqbuda, jew proġetti fil-qafas ta' strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità.

- **Garanziji**, fejn tingħata assigurazzjoni lil min ikun qed jislef, li l-kapital tagħhom ser ikun mħallas lura jekk min issellef ma jistax jħallas is-self. Dan jista' jiftaħ l-aċċess għal self kummerċjali għall-investimenti li kienu kkunsidrati riskjużi wisq, bħal ma' huma proġetti ta' innovazzjoni fis-settur tal-ipproċessar jew fl-akwakultura jew marbut mal-konservazzjoni tar-riżorsi bioloġiċi tal-baħar.

- **Ekwità**, fejn il-kapital jiġi investit bħala korrispettiv għall-pussess totali jew parzjali ta' ditta; l-investitur ekwu jista' jassumi xi kontroll maniġerjali tad-ditta u jista' jaqsam il-profitti tad-ditta. L-ekwità tista' tiġi investita fi stadji differenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tan- negozju, iżda ekwità sostnuta pubblikament hija l-aktar waħda wżata bħala kapital fi stat bikri għall-finanzjament inizjali jew għal dawk li għadhom kemm jiftħu. Ir-redditu fuq l-investiment jiddependi mit-tkabbir u mill-profitabbiltà tan-negozju. Ir-redittu jinkiseb meta l-investitur jbiegħ l-ishma tan-negozju tiegħu ("ċessjoni") lill-investitur ieħor permezz ta' offerta inizjali għall-pubbliku (OIP). L-ekwità hija l-aktar relevanti f'attivitajiet b'riskju għoli u għall-ditti bi tkabbir potenzjalment għoli, per eżempju Pilotaġġ ta' teknoloġiji innovattivi u sostenibbli fl-akwakultura jew setturi tal-ipproċessar.

Strumenti finanzjarji jistgħu jiġu offruti wkoll flimkien ma' għotjiet u forom oħra ta' assistenza. Ħafna drabi huwa neċessarju li tiġi mtejjba 'l-prontezza tal-investiment' bħala pre-rekwiżit sabiex jatratta fondi ta' investiment. Konsulenzi u tipi oħra ta' appoġġ jistgħu jiġu mogħtija permezz tal-FEMS.

Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-FEMS jistgħu jikkontibwixxu għall-iżvilupp u d-diversifikazzjoni tas-settur fit-tul u jinvestu fih billi jappoġġjaw attivitajiet fiż-żoni fejn il-livell ta' investiment huwa subottimu u jistimulaw l-iżvilupp ta' proġetti kummerċjalment vijabbli b'hekk jiftħu opportunitajiet ġodda fis-suq. Dawn jistgħu joħolqu wkoll opportunitajiet għall-investituri u għall-intermedjarji finanzjarji. Aċċess għal finanzjament li tipikament kien għali u diffiċli għall-ditti fis-setturi tas-sajd u l-akwakultura. F'ħafna Stati Membri is-setturi huma kkunsidrati mill-banek u minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra bħala riskju għoli f'termini ta' self u aċċess għall-kreditu. Madanakollu, xi proġetti jistgħu jsiru investimenti aktar attraenti minħabba li s-settur pubbliku sostna l-istrumenti finanzjarji u l-kondiviżjoni ta' riskji relatati.

## Għal aktar informazzjoni

Ir-Regolament (UE) tal-FEMS Nru. 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u t-tħassir tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru. 1198/2006 u (KE) Nru. 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru. 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.ĠUL149 tal-20 ta' Mejju 2014.

Għal gwida ta' referenza għall-awtoritajiet maniġerjali dwar l-istrumenti finanzjarji fi programmi tal-FSIE:
http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/thefunds/fin_inst/pdf/fi_esif_2014_2020.pdf

Għal informazzjoni dwar l-metodoloġija ta' valutazzjoni ex-ante għall-istrumenti finanzjarji:
http://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/financial-instruments/

Għas-sit elettroniku tal-'fi-compass', il-pjattaforma tas-serivzzi konsultattivi dwar l-istrumenti finanzjarji taħt l-FSIE:
http://www.fi-compass.eu/

Għal aktar informazzjoni dwar ir-Regolament ta-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u Regolamenti tal-Fondi Stutturali u ta' INvestiment Ewropej, inkluż l-Atti ta' implimentazzjoni u delegati:
http://ec.europa.eu/fisheries/cfp/emff/index_mt.htm

Għal aktar infomrazzjoni dwar ir-regoli ta' għajnuna mill-Istat għas-sajd u akwakultura:
http://ec.europa.eu/fisheries/state_aid/index_mt.htm

**www.fi-compass.eu**
**contact@fi-compass.eu**
© EIB (2015)

**European Commission**
Directorate-General
Regional and Urban Policy
Unit B.3 "Financial Instruments and IFIs' Relations"
B-1049 Brussels

**European Investment Bank**
Advisory Services
fi-compass
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg